



# Emanuel Benjamin Vella: Profil u Kommemorazzjoni

*Is-Sur Sergio Grech, BA Hons, PGCE, MA.*[1]

Dan li ġej mhux bijografija imma profil ta' raġel li ħadem mingħajr interessi biex l-edukazzjoni f'pajjiżna tisseddaq fi żminijiet meta Malta kienet kolonja u meta min jaħkem kellu l-għan militari bħala l-istrateġija ewlenija tiegħu. Kienu żminijiet meta Malta kienet fortizza u fil-fortizzi ridt toqgħod b'seba' għajnejn kif tamministrahom u fuq kollox kif iżżomm poplu kwiet.



*E.B. Vella ta' għoxrin sena*

L-edukazzjoni kienet waħda mill-pilastri li l-kolonizzatur kien jikkontrolla u dan jispjega apparti bosta ċirkustanzi għaliex l-edukazzjoni f'Malta baqgħet fraġli. E.B. Vella ħadem fuq żewġ pjattaformi: l-iskola u l-kitba anki jekk il-qagħda mhux dejjem kienet ta' inkoraġġiment meta tqis ir-rati għoljin ta' illiteriżmu qalb il-popolazzjoni Maltija. L-illiteriżmu kien sors ieħor ta' kontroll fl-aħħar mill-aħħar.

Emanuel Benjamin Vella twieled il-Mosta, fl-20 ta' Ġunju 1898. Bin Klement u Karmela neè Azzopardi. Kien il-kbir mis-seba' aħwa. Studja fl-Iskola Elementari tal-Mosta. Għamel kors fil-Kulleġġ St Mary fl-Ingilterra.

E.B. Vella kien l-ewwel Malti li kiseb il-*Board of Education Certificate* li bih seta' jgħallem fl-iskejjel elementari fl-Imperu Ingliż kollu.[2] Vella studja l-Ilsna Orjentali fl-Università ta' Londra. Ma għandniex xi ngħidu dawn kienu żminijiet meta l-edukazzjoni terzjarja kienet għal ftit wisq.



Minn dokument tal-1922 ta' kanċelliment tal-passaport toħroġ din id-deskrizzjoni fiżika ta' E.B. Vella, li qed nirroprudiċiha hawn bl-Ingliż – '*forehead broad, nose straight, chin round, mouth normal, colour of hair chestnut.*'[3] E.B. Vella kien miżżewweġ lil Praxedes, magħrufa komunament Priscilla, u minn applikazzjoni tagħha tal-passaport datata 10 ta' Awwissu 1935 nafu li l-koppja kienet tgħix Cordelia, Pjazza Rotunda, il-Mosta.[4] Din ir-residenza qiegħda ħdejn id-dar preżenti tal-Arċipriet tal-Mosta fejn kien joqgħod fiha wkoll Monsinjur Bartilmew Bezzina. Illum qed tintuża bħala kafetterija.

Il-koppja għamlu żmien jgħixu Ħal Tarxien skont l-applikazzjoni ta' E.B. Vella tal-passaport tal-1930. Kienu jgħixu fir-residenza numru 78, Via Paola.[5] Il-Kappillan ta' Ħal Tarxien Dun Salvatore Galea kien għamillu tajjeb għall-applikazzjoni imsemmija tal-passaport. Mill-istess applikazzjoni nafu li barra li kien miżżewweġ, fl-1930 Vella kellu 32 sena, kien impjegat bħala kap ta' skola u kien twil *5 feet 9 inches*. Xagħru kien *chestnut* u għajnejh kannella skuri.[6]

Martu Praxedes, xebba Tomlin, kienet Furjaniża u twieldet fid-9 ta' Awwissu 1902. Kulur xagħarha hu deskritt fair u għajnejha griżi. Kienet twila *5 feet 3 inches*. Sa dil-ħabta li qed insemmu, il-koppja kellha lit-tliet ulied Reginald (15 ta' Mejju 1926), Eustace (9 ta' Lulju 1927) u Euphrasyne (15 ta' Frar 1931).

Reginald kien surmast tal-iskejjel tal-istat u awtur. "Fost il-kitbiet li ħalla Reġinald insibu damma ta' proża bil-Malti, li ġabar u ppubblika bejn is-snin 1953 u 1957 bl-isem 'Ġabra ta' Proża għat-Tfal.'"[7] Reginald kien anki beda juża kunjom ommu xebba f'ismu.

Ta' 23 sena, E.B. Vella laħaq surmast tal-iskejjel.[8] Kien surmast tal-iskejjel ta' San Pawl il-Baħar, Ħaż-Żabbar, il-Birgu, iż-Żejtun u Ħal Tarxien. Wara nħatar Spettur tal-Iskejjel. Barra minn hekk is-Sur Vella "kien imexxi kors ta' taħriġ fil-Malti għas-surmastrijiet tal-iskejjel u kien jorganizza l-klassijiet ta' filgħaxija għall-impjegati taċ-Ċivil. Kien jgħallem ukoll il-Malti fil-Liċeo.

Barra minn hekk, E.B. Vella kien jorganizza wkoll korsijiet filgħaxija fl-Ingliż għal dawk il-Maltin li xtaqu jemigraw."[9] Kienu żminijiet meta l-emigrazzjoni kienet meqjusa bħala s-soluzzjoni għall-faqar u n-nuqqas ta' xogħol. Malta fortizza kien ikollha x-xogħol, il-flus u l-ġid biss, meta jkun hawn gwerra madwarha. Il-bqija r-rota kien tieqaf iddur u ħafna familji kellhom jemigraw u jsibu x-xogħol f'kuntest mhux dejjem ta' ward u żahar.


*Praxedes, mart E.B. Vella*

Din il-ħidma edukattiva ta' Vella trid titpoġġa f'kuntest. Ma ninsewx li qed nitkellmu fuq perjodu meta l-edukazzjoni ma kinitx għada obbligatorja u bosta drabi t-tfal kienu jinħarġu kmieni mill-iskola biex jgħinu lill-familjari tagħhom fil-produzzjoni agrikola jew xogħol ieħor. L-Ingilterra kienet qed tenfassiza l-politika tardiva tagħha ta' angliċiżazzjoni u l-interess ewlieni tagħha kienet li toqtol id-dominanza tat-Taljan u l-kultura Taljana minn Malta bil-konsegwenza traġika li ta' E.B. Vella kien ukoll żmien il-kwistjoni politiko-lingwistika, li kienet ħarxa, apparti l-inkwiet bejn Gerald Strickland u l-Knisja Kattolika. Fuq kollox, kien hemm l-irtirar tas-self government u gvern elett demokratikament ġie mneħħi.

Ikun biss fis-snin tletin tas-seklu għoxrin li nibdew naraw żviluppi notevoli fejn jidħol il-Malti li kien ikkunsidrat sadanittant lingwa tal-kċina u li fuq kollox dam biex ikollu alfabett stabilit u ortografija tajba biex tibnieh. Sa dal-perjodu, il-livell produttiv u kreattiv bil-Malti kien limitat anki jekk wieħed ma jistax ma jfaħħarx sforzi qawwija bħal dawk ta' Ġan Anton Vassallo, Richard Taylor, Dun Ludovik Mifsud Tommasi, Dwardu Cachia, Feliċ Buhagiar, Manwel Dimech u oħrajn u fuq kollox l-esperiment qawwi ta' Alfons Marija Galea bil-proġett tiegħu *Mogħdija taż-Żmien.* Ikun biss fis-snin tletin li l-Malti jsir il-lingwa uffiċjali, il-lingwa tal-Qrati, jibda jiġri offrut għall-Matrikola u l-Università Irjali twaqqaf il-Kattedra tal-Malti.

Iżda E.B. Vella sab spazju biex jaħdem grazzi għall-impenn qawwi tad-Direttur tal-Edukazzjoni A.V. Laferla. Kollu minnu li l-Avukat Laferla kien pro-Ingliż, wara kollox kien qed isegwi l-bandiera ta' min kien jitimgħu, imma ma ddejjaqx jidentifika l-problemi kbar li sab u jindirizzahom.

Fost il-problemi li Laferla elenka kien hemm li t-tfal Maltin kienu qed jidħlu l-iskola ta' sitt snin u wisq probabbli kien qed ikollhom esperjenza skolastika qasira ħafna minħabba li ma kien hemm l-ebda obbligazzjoni sakemm wieħed kellu jattendi.[10] Laferla semma wkoll li l-għalliema kellhom bżonn jitħarrġu f'xogħolhom u ma ddejjaqx jilmenta li l-kwalità tat-tagħlim kienet baxxa. Biex jindirizza din il-lakuna, Laferla reġa' fetaħ l-iskola għat-taħriġ tal-għalliema.[11] Fi żmienu meta Monsinjur Enrico Dandria kien Ministru tal-Edukazzjoni, daħal il-kunċett ta' skola obbligatorja sa 12-il sena u wara telgħet għall-14-il sena.[12]

Fit-tletinijiet, bil-kollaborazzjoni ta' Ġorġ Pisani, Vella ppubblika sensiela ta' kotba ta' qari bil-Malti għal kull sena tal-iskejjel primarji tal-Gvern, bl-isem *Ġabra ta' Ward.* Wieħed irid japprezza li E.B. Vella kien qed jaħdem f'epoka fejn il-ktieb għat-tfal bħala pubblikazzjonijiet kien biss baħħ u Dr Laferla imbotta kemm felaħ il-kunċett ta' *textbook.* Ta' bniedem kolt li kien, l-Avukat Laferla ġabar madwaru, il-krema ta' dawk iż-żminijiet, grupp ta' nies bħal E.B. Vella, Ġanni Cilia, u Ġużè Ebejer. Hekk twieldu diversi kotba tal-iskola bħall-*Ġabra ta' Ward, Il-Ġmiel tad-Dinja, Stejjer mill-Kotba Mqaddsa, Ir-Reliġjon Mgħallma għaż-Żgħar* u diversi kotba oħra li llum issibhom għand il-kolletturi.

*Il-Ġabra ta' Ward* kienet serje ta' sitt kotba, l-ewwel tnejn għaż-żgħar nett. Vella u dan il-punt tajjeb ikun rikonoxxut, ħadem bl-ortografija l-ġdida li kienet għadha kemm ħejjiet l-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti. Is-sensiela ġiet ippubblikata fl-Oxford University Press li dik il-ħabta kellha kuntratt mad-Dipartiment tal-Edukazzjoni. Vella fehem, sa minn kmieni, li ktieb għat-tfal għandu jkun illustrat. Għal din il-biċċa xogħol, tqabbdu żewg figuri li taw ħafna lill-arti Maltija: l-aħwa Edward u Robert Caruana Dingli.

Nafu li s-Sur E.B. Vella kien jgħin lil Sir Temi Zammit fit-tiftix arkeoloġiku, l-aktar fl-inħawi ta' madwar il-Mosta, raħal twelidu. Kif jikkummenta Anthony Sammut, "Biżżejjed wieħed jagħti daqqa t'għajn lejn ir-rapporti tal-Mużew Nazzjonali tas-snin 1925 - 1934 biex wieħed jara l-ħidma (p.272) tas-Sur Vella f'dan il-qasam."[13] Sammut ikompli jispjega li "kien Vella li sab fejn telgħet il-bandiera Ingliża bi sfida għal Napuljun, u fejn kien il-*Headquarters* ta' Ċensu Brared fi żmien l-Imblokk tal-Franċiżi f Malta."[14]

E.B. Vella kkonċentra wkoll fuq l-istorja tal-lokalitajiet – suġġett li mhux dejjem ingħata attenzjoni biżżejjed xi drabi anki ħtija ta' individwi li kitbu stejjer tal-irħula minn angoli puramenti dojoq u b'ħafna superlattivi.

E.B. Vella kiteb f'din il-kategorija *Ħaż-Żabbar u l-Ġrajja tiegħu* (1926), *Iż-Żejtun u Marsaxlokk* (1927), *L-Istorja tal-Mosta bil-Knisja tagħha* (1930), *L-Istorja ta' Ħal Tarxien u ta' Raħal Ġdid* (1932) u *L-Istorja ta' Birkirkara bil-Kolleġġjata Tagħha* (1934). "Kien ta bidu wkoll għall-kitba tal-istorja tal-Imdina iżda ma laħaqx lestiha."[15] Milli jidher ibnu Eustace kien wera l-interess li jkompli l-ktieb imma ma jidhirx, jekk kien komplieh, li ġie ppubblikat.[16]

Jgħid ħafna l-fatt li E.B. Vella kiteb dwar irħula li fihom hu serva bħala surmast. Pereżempju l-ktieb tiegħu fuq iż-Żejtun huwa meqjus bħala l-ewwel kitba serja dwar ir-raħal ta' Santa Katerina u dan wieħed ma jridx jinsa li l-ktieb ġie ppubblikat fl-1927.[17] Fil-każ tal-Istorja taż-Żejtun warajh ġew riċerkaturi oħra bħal Walter Zahra u l-Kanonku Joe Abela.[18]

Aspett interessanti hu li dawn il-kotba jżommu l-istess daqs u anki l-istess disinn tal-kopertina. Biss il-qoxra kienet tingħata kulur differenti u l-kotba ġew stampati għand l-Empire Press. Il-ktieb fuq Ħaż-Żabbar ġie anki mtella' online għal min jixtieq jieħu idea dwar xiex qed nitkellmu.[19]

Kienu żminijiet fejn anki ma kinux jonqsu r-riklami li fl-aħħar mill-aħħar kienu jwieżnu l-proġett. Pereżempju fil-volum dwar Ħal Tarxien u Raħal Ġdid insibu riklami mingħand Farsons, Carmelo Delia, Sapienzas, Camilleri tal-Ħelu, Giuseppe Busuttil li kellu ġollerija l-Belt, u diversi ħwienet u ditti oħra f'Raħal Ġdid u Ħal Tarxien. Fil-ktieb ta' Ħaż-Żabbar niltaqgħu ma' riklami mingħand Carmelo Delia, A La Ville de Londres, Camilleri and Sons, Bethlem Bazaar, Muscat tan-nuċċalijiet tal-Belt u xi intrapriżi Żabbarin. Jidher li kopja tal-ktieb dwar Raħal Ġdid u Ħal Tarxien, Vella kien bagħatha wkoll lid-Department of Oriental Printed Books and Manuscripts tal-British Musem.[20]

Ta' min josserva li s-Sur Vella fil-pubblikazzjonijiet tiegħu kellu f'moħħu li l-qliegħ imur għal għan filantropiku. Fil-każ tal-ktieb ta' Raħal Ġdid u Ħal Tarxien, il-qliegħ mar għaż-żewġ knejjes parrokkjali. L-istess jagħmel f'ta' Ħaż-Żabbar fejn talab biex il-qliegħ imur għall-bini tal-koppla li kien għaddej. Wieħed irid jagħti kredtu lil Vella li fejn seta' kien imur għas-sorsi primarji. Fejn kien possibbli kien anki juża l-fotografija biex jillustra l-kotba tiegħu. Fil-ktieb tal-Mosta ddedika gidma sew għar-Rotunda, illum il-Bażilika.

Jidher li Vella kellu pinna wiesgħa tant li kien ippubblika wkoll:

- *L-Arċikonfraternità ta' San Ġużepp fir-Rabat tal-Imdina, Diskors* (1945);
- *Solemn Entry of Mgr. Rull Grandmaster Pinto at the Cathedral*, fir-rivista *Scientia X* (1944) u (1945);
- *The Tabernacle of Moses: A Maltese Prototype?* fi *Sphere* (1932).

E.B. Vella kien għamel id-diskors tal-*Otto Settembre* tal-1930 li anki kien ġie mitbugħ. Jiswa mitqlu deheb għall-istorja tal-edukazzjoni f'Malta l-analiżi li għamel permezz ta' *The Teaching of English in our Primary Schools* (1948).

E.B. Vella, miet fit-2 ta' Mejju 1946 u hu midfun fl-Addolorata. Qabel mewtu, Dun Karm, il-poeta nazzjonali, kien kitiblu sunett li ġie ppubblikat f'*Leħen il-Malti* ta' Lulju-Settembru 1945.[21] Lil Vella, Dun Karm jiddeskrivih 'Malti Tassew! Malti fil-qalb, ħabbejtha – Lil din l-art ċkejkna fejn tneħidt tarbija.'[22] Is-sunett kien ġie immużikat mis-Sur Anthony Farrugia u tkanta mit-tfal Mostin fl-okkażjoni ta' kommemorazzjoni li saret fis-sittin sena minn mewtu.[23] Il-poeta u rumanzier J.J. Camilleri kiteb ukoll poeżija li tfakkar lil Vella u li nqrat fl-istess avveniment.[24]

Fil-Mosta ssemmiet triq għall-memorja tiegħu kif ukoll fl-1998 l-iskola primarja ssemmiet għalih.[25] Fit-triq imsemmija għalih, hemm ukoll monument ta' Vella tal-iskultur bravu Ġanni Bonnici. Il-monument sar fuq l-inizjattiva tal-Kunsill Lokali Mosta u kien inkixef mis-Sindku s-Sur Nazareno Vassallo u tbierek minn Dun Mario Camilleri nhar it-2 ta' Settembru 2017. Inżid wkoll li fir-Razzett tal-Markiż Mallia Tabone il-Mosta hemm bust tiegħu, mill-ġdid ta' Bonnici, li kien ġie rregalat lill-Għaqda Talenti Mosti min-neputi tiegħu s-Sur Hilary Vella.[26]

***Referenzi***

1. L-awtur jixtieq jirringrazzja lis-Sinjuri Emily Barbaro-Sant, Joe Bartolo u Hilary Vella għall-għajnuna tagħhom. Ħajr ukoll lill-Arkivju Nazzjonali ta' Malta għar-ritratti.
2. Ara https://akkademjatalmalti.org/bijografiji/e-b-vella/.
3. Dokument mill-Arkivju Nazzjonali ta' Malta.
4. Applikazzjoni tal-Passaport datata 10 ta' Awwissu 1935.
5. Applikazzjoni tal-Passaport datata 19 ta' Lulju 1930.
6. Ibid.

7. https://akkademjatalmalti.org/bijografiji/e-b-vella/.
8. https://akkademjatalmalti.org/bijografiji/e-b-vella/.
9. https://akkademjatalmalti.org/bijografiji/e-b-vella/.
10. Joseph Zammit Mangion, *L-Istorja tal-Edukazzjoni f'Malta*, PIN, 2000, 77.
11. Ibid., 78.
12. Ibid., 79.
13. http://mostaarchives.smashyouagainstthewall.com/KtiebEBVella/Ktb_StorjaMosta_bZd07.html.
14. http://mostaarchives.smashyouagainstthewall.com/KtiebEBVella/Ktb_StorjaMosta_bZd07.html.
15. https://akkademjatalmalti.org/bijografiji/e-b-vella/.
16. *Leħen il-Malti,* Lulju-Settembru 1945, 1.
17. https://wirtizzejtun.com/l-istorja-taz-zejtun-u-mxlokk/.
18. Sergio Grech, "Ħarsa Ħafifa lejn xi nkiteb dwar iż-Żejtun," *Tabor 2019*, 70.
19. https://issuu.com/michaelbuhagiar/docs/e.b._vella_-__a_-_abbar_bil-_rajja_tieg_u__1926__
20. Kommunikazzjoni mid-Department of Oriental Printed Books and Manuscripts tal-British Musem datata 4 ta' April 1932, Kollezzjoni Privata.
21. *Leħen il-Malti* ta' Lulju-Settembru 1945.
22. Ibid.
23. https://timesofmalta.com/articles/view/distinguished-author-remembered-at-mosta-primary.53553.
24. Ibid.
25. https://mrcmostaprimarya.wordpress.com/about/history/.
26. Tagħrif mingħand is-Sur Joe Bartolo, 17 ta' Lulju 2020.




Treecake Confectionery

**Independence Avenue, Mosta**
**Tel: 2143 2859**
**Mob: 9946 4060**

**Managing Director: Jesmond Cauchi**
Treecake - Confectioners advise that orders are accepted for all parties
Everyone is welcome!